***- RES JUDICATA -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 9 ta' Jannar 2002**

**Kawza Numru: 15**
**Citazzjoni Numru: 1209/00/RCP**

**Rabat Construction Ltd**

**vs**

**Cutajar Construction Company Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` konvenuta nkarigat lis-socjeta` attrici biex taghmlilha xoghol ta' tindif ta' sit u qtugh ta' blat fuq

xogholijiet ta’ appalt li s-socjeta` attrici kienet giet imqabda taghmel minn terzi f’Tas-Sliema u f’Haz-Zebbug;

Illi l-istess socjeta` konvenuta ghandha thallas is-socjeta` attrici s-somma ta’ elf mija u sebghin lira Maltin (Lm1,170) konsistenti f’rifuzjoni ta’ spejjez u prezz ta’ materjal dovuti lilha, kif ghandu jirrizulta ahjar waqt is-smiegh tal-kawza;

Illi ghalkemm interpellata, s-socjeta` konvenuta naqset li thallas l-ammont imsemmi;

L-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex m’ghandiex din il-Qorti:

1. Tikkundannha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ Lm1,170 bhala rifuzjoni ta’ spejjez minfuqa u materjal proprjeta` tas-socjeta` attrici mizmum mis-socjeta` konvenuta, kif fuq inghad.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tad-9 ta’ Marzu 1999, oltre mill-imghaxijiet legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta` konvenuta, ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta tas-27 ta' Gunju 2000 a fol. 8 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi l-kwistjoni ossia mertu tal-kawza odjerna gja giet trattata u deciza minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **"Cutajar Construction Co Ltd vs Rabat Construction Ltd" – Citaz Nru 204/97/GV** liema kawza giet deciza fid-29 ta' Jannar 1999, u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi l-konteggi bejn il-partijiet gia saru u l-esponenti m'ghandu jaghti jew jirrifondi ebda ammont kif mitlub, u ghalhekk l-istess talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda a fol. 8 u 9 tal-process.

Rat il-verbal tal-14 ta' Lulju 2000 fejn il-Qorti ordnat lill-Dr Ivan Gatt biex jipprezenta kopja legali tas-sentenza minnu citata fi zmien tletin gurnata b'kopja lill-kontro-parti u ddifferiet il-kawza ghall-provi u trattazzjoni tal-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta ghad-9 ta' Novembru 2000.

Rat in-nota tal-konvenuti tal-25 ta' Ottubru 2000 (fol. 12 sa 22 tal-process).

Rat il-verbali tad-9 ta' Novembru 2000, tal-25 ta' Jannar 2001, tal-20 ta' Marzu 2001, tat-13 ta' Gunju 2001, tat-18 ta' Ottubru 2001, tal-24 ta' Ottubru 2001 fejn id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni ghad-9 ta' Jannar 2002 bil-fakolta li d-difensuri jipprezentaw nota ta' referenzi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. PRELIMINARI.

Illi din l-kawza saret stante li s-socjeta` attrici qed tallega li hija ghandha tiehu minghand is-socjeta` konvenuta l-ammont ta' Lm1,170 rapprezentanti f'rifuzzjoni ta' spejjez u prezz ta' materjal dovuti lilha in konnessjoni ma' xoghol ta' tindif ta' sit u qtugh ta' blat f'Tas Sliema u Haz Zebbug, li s-socjeta` konvenuta kellha taghmel fuq inkarigu tas-socjeta` attrici, li din ta' l-ahhar kienet imqabda taghmel minn terzi.

Illi min-naha taghha s-socjeta` konvenuta sostniet li l-mertu tal-kawza odjerna gja gie deciz bis-sentenza fl-ismijiet **"Cutajar Construction Co. Ltd vs Rabat Construction Ltd"** (Citaz. Numru 204/97/GV deciza fid-29 ta' Jannar 1999, u fil-fatt din il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq din l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta.

**B. PRINCIPJU TA' *RES JUDICATA.***

Illi fil-fatt huwa principju ormai stabbilit li sabiex tirnexxi din l-eccezzjoni ta' *res judicata "iridu jikkonkorru tliet rekwiziti:- identita` tal-persuni, identita` tal-oggett u l-identita` tal-kawza".* **("Joseph Tanti vs Anthony Ciappara et"** – P.A. (A.D.) 5 ta' April 1993; **"Dottor Joseph Fenech nomine vs Antonio Axiaq et"** – A.C. 8 ta' Marzu 1995) jew kif gew deskritti *"eadem res, eadem personae u eadem causa petendi"* **("Edward Busuttil vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** – A.C. 5 ta' Marzu 1984 – LXVIII.ii.107); **"Raymond Sciberras vs Hugh P. Zammit nomine" –** P.A. (G.C.) 15 ta' Jannar 1997 – LXXXI.iii.7).

***(1) "Eadem Res"***

Illi a rigward ta' l-*"eadem res"*, din tinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghal talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Illi fis-sentenza **"Joseph Ellul Mercer noe et vs Albert Borg Olivier de Puget et"** (Appell 7 ta' Frar, 1958, Vol. XLII. I. 5; p. 10), il- Qorti sostniet li:-

*"wiehed mir-rekwiziti li jehtieg jikkonkorru sabiex jista' jigi nvokat il-gudikat hu dak ta' l-identita` tal-oggett ('eadem res').*

Illi f' **"Camilleri vs Baldacchino"** (P.A. 5 ta' Mejju,1898, Vol. XVI. II. 253. pg 255), l-Imhallef P. de Bono rrikonoxxa li "….*La diversita` dell'oggetto fa mancare lo estremo essenziale dell'identita` della cosa giudicata".*

Illi l-bazi ghal dan ir-rekwizit hija cara: sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-Qorti, jekk din hi ntiza sabiex tottjeni xi haga differenti ghal dak li kien ipprova jitlob b'talba precedenti li giet determinata minn sentenza precedentement. Minn dan isegwi li anki jekk l-oggett ta' talba gdida hu simili ghal ta' decizjoni precedenti, din is-similarita` mhix ostaklu ghall-talba gdida ghaliex l-effetti ta' sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u ghal dak li jkunu ddecidew il-Qrati.

Illi mill-interpretazzjoni li jaghtu d-diversi awturi ta' kif ghandha tigi determinata l-identita` ta' l-oggett jidher illi l-ahjar mod hu li tezamina jekk il-kwistjoni mqajjma fit-talbiet attrici gietx jew le deciza minn sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Illi ghalhekk, wiehed irid jara jekk il-punt imqajjem fl-istess talbiet gewx determinati mis-sentenza l-ohra jew

jekk baqax irrisolt. Illi jekk il-kwistjoni tkun giet diskussa u deciza, allura jkun hemm l-identita` ta' l-oggett.

Illi f'dan ir-rigward huwa rilevanti dak li inghad fis-sentenza **"Camilleri vs Pace"** (A.C. 5 ta' Novembru 1951 u cioe':-

*"Per decidere se vi sia cosa giudicata, in quanto si controverte se sua seconda domanda abbia carettere di novita` o piuttosto presenti identita` della 'causa petendi', gia sperimintata in altre precedente, si deve aver rigaurdo non soltanto al titolo o nome dell'azione, nonche' alla legge invocata, ma altresi al diritto conteso, all'intento ed al fine la parte si propone di conseguire"*

Illi inoltre' f'**"Assunta Cassar vs Dr. Carmelo Zammit noe"** (A.C. 10 ta' Dicembru 1956 - Vol. XL. I. 402) gie rilevat li "… *ghalkemm biex jista' jigi nvokat il-gudikat hemm bzonn l-identita` tal-oggett, din l-identita` m'hemmx bzonn tkun assoluta".* Dan il-principju gie reiterat **f' "Catherine Portelli vs Joseph Cachia et."** (Q.K. 10 ta' Dicembru 1992 - Vol. LXXVI. I. V. 719) fejn il-Qorti tenniet li "*dwar l-identita` tal-haga mitluba hu pacifikament ammess li mhux necessarju li l-identita` tkun assoluta u materjali izda bizzejjed l-identita` guridika".*

***<u>(2) "Eadem Causa Petendi"</u>***

Illi **f' "Don Vincenzo Galea noe vs Luigi Camilleri"** (P.A. 15 ta' Frar 1957 - Vol. XLI. II. 900) il-Qorti qalet li "*wiehed*

*mill-elementi tar-"res judicata" hija l-"eadem causa petendi"*. Din il-kondizzjoni tirrikjedi li "*the cause of the claim"* kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat.

Illi l-Prof. Caruana Galizia **f'"Notes on Civil Law"** (Pt. IV p.1428) spjega li l-*causa petendi* hi "*the title on which the demand is based"*. Illi ghalhekk, din hija t-titlu, cioe', l-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Illi sabiex il-kundizzjoni ta' l-*"eadem causa petendi"* tirnexxi, irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuta fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat.

***<u>(3) "Eadem Personae".</u>***

Illi f'**"Charles Grixti vs Salvino Schembri et"** (Appell 11 ta' April 1958 - Vol. XLII. I. 198), inghad *li "biex din l-eccezzjoni tista' tirnexxi hemm bzonn li jigi ezaminat jekk jikkonkorrix l-ewwel element tal-gudikat, dak jigifieri, jekk is-sentenza ga msemmija kienitx giet maqtugha f'kawza bejn l-istess persuni li jidhru bhala kontendenti fil-kawza odjerna"*. Illi f'**"Innocenza Debattista et vs Giovanni Farrugia"** (P.A. 13 ta' Frar 1958 - Vol. XLII. II. 917) il-Qorti qalet li "*biex ikun hemm il-gudikat, jehtieg… li s-sentenza ta' qabel kienet giet maqtugha f'kawza bejn l-istess persuni…".*

Illi pero` dan ma jfissirx li *"l-promoturi tal-istess procedura setghu jipproponu mill-gdid kawza identika bl-inseriment ta' persuna li l-presenza taghhom ma kinietx verament necessarja mill-aspett legali"* **("Igino Trapani Galea Feriol et vs Jane mart Jimmy Agius et" –** A.C. 2 ta' Lulju 1996 – LXXX.ii.804). Illi dawn is-sentenzi u l-principji kollha gew applikati fis-sentenza **"Registratur tal-Qrati Superjuri vs. M of Time Limited" –** P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000 – Citaz. Numru 1247/99/RCP) fejn dwar il-kaz pendenti quddiemha sostniet:-.

*"Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz "de quo" jirrizulta li ghalkemm l-oggett taz-zewg talbiet huma l-istess ghalkemm f'terminologija differenti, pero` xorta wahda l-"eadem res" mhux soddisfatt – ir-raguni hija li l-ewwel Qorti ma dahlitx fil-mertu tat-talba li kellha quddiemha, pero` illimitat ruhha li tichad it-talba peress li l-procedura adotta kienet wahda hazina. Illi ghalhekk isegwi li ma kien hemm l-ebda decizjoni dwar is-sustanza tat-talba li kellha quddiemha dakinhar u li ghandha quddiemha l-Qorti kif illum presjeduta".*

## C. APPLIKAZZJONI TAL-PRINCIPJI GHALL-KAZ ODJERN.

Illi in sostenn tal-allegazzjoni attrici, Anthony Agius, Managing Director tal-istess sostna li mas-socjeta` konvenuta kellhom arrangament li jahdmu bi shab appalti li

s-socjeta` konvenuta tiehu minghand terzi; f'zewg xogholijiet minnhom wiehed tas-Sliema u l-iehor Haz-Zebbug, l-istess socjeta` attrici sostniet li fuq l-ewwel lant hija inkorriet spejjez necessarji ghall-istess xoghol, u li s-socjeta` konvenuta naqset li tirrifondi s-sehem taghha ta' Lm720, mentri f'Haz-Zebbug is-socjeta` konvenuta zammet ghandha materjal, li parti minnhom bieghetu lill-terzi minghajr mas-socjeta` attrici thallset ta' sehma fl-ammont ta' Lm450.

Illi min-naha taghha s-socjeta` konvenuta esebit kopja tas-sentenza minnha citata fl-eccezzjonijiet taghha fl-ismijiet **"Cutajar Construction Co. Ltd vs Rabat Construction Ltd"** (Citaz. Numru 204/97/GV deciza fid-29 ta' Jannar 1999, minn fejn jirrizulta s-segwenti.

Illi s-socjeta` konvenuta f'din il-kawza, u s-socjeta` attrici fis-sentenza citata ghamlet kawza kontra s-socjeta` attrici odjerna sabiex hija tithallas l-ammont ta' Lm3,112.24 bilanc minn somma akbar ta' Lm4,112.24 rappresentanti valur ta' xoghol ta' thammil u qtugh ta' blat fil-fond Santa Rita, Triq il-Kosbor, Zebbug.

Illi l-eccezzjonijiet tas-socjeta` Rabat Construction Limited kienu fis-sens li l-valur ta' l-appalt kellu jkun ta' Lm3,575.86, u allura l-bilanc kellu jkun ta' Lm2,575.86, minn liema ammont kellhom jitnaqqsu l-ammont ta' Lm455, li hija kienet hallset lis-socjeta` Cutajar Construction Company Limited.

Illi minbarra dan l-istess socjeta` Rabat Constuction Limited ghamlet kontro-talba kontra s-socjeta` Cutajar Construction Company Limited ghas-somma ta' Lm1,100, rappresentanti kwantu ghall-Lm450 rappresentanti valur ta' travi tal-injam mizmuma in komun bejn iz-zewg socjetatjiet li l-istess socjeta` rikonvenzjonata f'dik il-kawza approprijat ghaliha, mentri l-ammont ulterjuri ta' Lm650 jirrapresentaw sehem l-istess socjeta` mill-ispejjez necessarji li s-socjeta` Rabat Construction Limited inkorriet ghal xoghol li sar bi shab bejn l-istess socjetajiet.

Illi fil-fatt mid-dispositiv tal-istess sentenza jidher li l-ilmenti tas-socjeta` attrici mertu tal-kawza odjerna gew trattati in extenso minn dik il-Qorti fil-kors tal-apprezzament tal-istess kontro-talba prezentata mis-socjeta` attrici odjerna kontra s-socjeta` konvenuta odjerna, bl-unika differenza hija li rigwardanti s-somma ta' Lm720 mitluba llum mis-socjeta` attrici relattiv ghax-xoghol maghmul f'Tas Sliema, fejn ghalkemm fix-xhieda f'dik il-kawza jissemma l-istess ammont, fil-kontro-talba l-ammont huwa indikat fis-somma ta' Lm650.

Illi fil-fatt dwar dan il-punt l-istess Onorabbli Qorti diversament presjeduta fl-istess sentenza qalet:-

*"Dwar il-kwistjoni ta' 'subcontracting' il-konvenut qed isostni li hu qabbad in-nies biex jaghmlu x-xoghol ta' 'demolition' u gab aktar ingenji u nies mill-atturi u ghalhekk qed*

*jippretendi li l-atturi ghandhom jehlu Lm720 ohra. Il-Qorti pero` ma taqbilx billi l-ftehim kien li l-progett ta' tas-Sliema kellu jsir bi shab, jekk il-konvenut kellu bzonn li jqabbad in-nies biex jaghmlu il-partijiet tieghu mill-ftehim li sar bi shab, dik affari tieghu, u l-atturi ma jidhlux f'din l-kwistjoni. Ghalhekk il-konvenuti ma jistghux jitolbu li jitnaqqsu wkoll Lm720".*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma hemmx dubju li dik il-parti tac-citazzjoni attrici li tirreferi ghas-somma ta' Lm720 mis-sorte ta' Lm1,100 tirreferi proprju ghall-istess mertu tal-kontro-talba tas-socjeta' attrici odjerna fil-kawza u s-sentenza fuq citata, tant li Anthony Agius, rappresentant tas-socjeta` attrici fid-dikjarazzjoni tieghu jirreferi ghall-istess mertu u fil-fatt qal:

*"dwar ix-xoghol f'Tas-Sliema, nkorrejna spejjez biex ghamilna ix-xoghol imma, ghalkemm il-ftehim kien li nahdmu bi shab, is-socjeta` konvenuta ma tridx tirrifondina s-somma ta' Lm720 li inkorrejna bhala spejjez necessarji u li tghajna rendikont taghhom lill-istess socjeta`".*

Illi dwar l-parti l-ohra tas-sorte rikjamati fl-azzjoni attrici u cioe' ghall-ammont ta' Lm450 in konnessjoni max-xoghol f'Haz-Zebbug rappresentanti valur ta' materjal li s-socjeta` konvenuta allegatament zammet ghandha u bieghetu lill-terzi u naqset li taghddi sehma lill-istess socjeta` attrici, dan jifforma fil-fatt il-bazi tat-tielet premessa tal-kontro-talba tal-

istess socjeta` attrici Rabat Construction Limited fis-sentenza fuq citata, tant li l-istess premessa tipprovdi li:-

*“Premess illi l-imsemmija socjeta` Cutajar Construction Limited approprijat ghaliha u ghall-uzu esklussiv taghha diversi travi ta’ l-injam mizmuma in komun bejn iz-zewg socjetajiet u dan minghajr ma kkumpensat lis-socjeta` esponenti s-sehem taghha mill-istess materjal liema sehem jammonta ghal erba’ mija u hamsin lira (Lm450)”.*

Illi fil-fatt dan il-punt gie kkunsidrat u deciz fl-istess sentenza billi prevja ic-cahda tal-kontro-talba mill-istess Onorabbli Qorti, allura inkluz din il-premessa, irreferiet ghall-istess premessa u parti mit-talba tas-socjeta` attrici odjerna fl-istess rikonvenzjoni fl-ewwel paragarfu ta’ pagna 8 tal-istess sentenza, (a fol. 21 ta’ dan il-process), u ghalhekk jidher ukoll li din il-pendenza gja giet trattata u deciza.

Illi ghalhekk jidher minn dan kollu li l-mertu tac-citazzjoni odjerna, (salv ghall-ammont kif fuq spjegat) hija il-mertu identiku tal-kontro-talba imressqa mill-istess socjeta` Rabat Construction Ltd kontra is-socjeta` Cutajar Construction Limited fis-sentenza citata **“Cutajar Construction Co. Ltd vs Rabat Construction Ltd”** deciza fid-29 ta’ Jannar 1999 bejn l-istess partijiet mertu tal-kawza odjerna, u l-fatt li tali mertu kien jifforma l-bazi kollha tal-kontro-talba tas-socjeta' attrici, a differenza minn citazzjoni, ma jbiddel xejn minn dak li inghad iktar il-fuq stante li l-kontro-talba hija

kkunsidrata fl-ordinament guridiku nostrali *"daqs prezentata ta' citazzjoni dwar dik it-talba"* tant li ghandha ezistenza awtonoma mic-citazzjoni attrici, skond kif provdut fl-**artikoli 398 (3) u 401 tal-Kap 16.**

Illi infatti fis-sentenza **"Edward Busuttil vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (A.C. 5 ta' Marzu 1984 – LXVIII.ii.107) inghad illi:-

*"fa uopo esaminare se la quistione che l'attore solleva con la seconda domanda sia o non sia stata gia deciza col guidicato precedente, se in altri termini, il punto che si pretenderebbe in oggi discutere sia gia stato giudicato con la precedente sentenza, ovvero se questa abbia lasciato il detto punto impregudicato, insoluto. Ed a questo fini conviene porre a confronto il principio affermato con la decisione precedente e la domanda che si vorrebbe far valere nel secondo giudizio. Se questa domanda non e' contradetta, non e' esclusa, e' percio puo coesistere col principio contenuto nella disposizione della sentenza, si conchiudera` che non vi ostacolo di cosa giudicata, che si tratta di domanda nuova non ancora giudicata; se invece la contradizione esiste, se la consistenza della domanda col dispositivo appare impossibbile, si dovra` ritenere che vi e' identita` di oggetto tra il punto gia deciso e la nuova domanda, e che quindi sopra di questa vi e' la cosa giudicata" (Mattirolo – Trattato di Diritto Giudiziario Civile, Vol.5. para. 48).*

*"Jigifieri jekk bejn it-talbiet fit-tieni kawza u dak li gie deciz fl-ewwel kawza jkun hemm kontradizzjoni u mpossibilita` ta' ko-esistenza, allura jokkorri l-element fondamentali tal-gudikat fl-identita` tal-oggett; ma dan jizdied illi dwar l-indentita` tal-haga mitluba bhala wiehed mir-rekwiziti tal-gudikat, hu pacifikament ammess li mhux necessarju li l-identita` tkun assoluta u materjali, imma tibbasta l-identita` guridika".*

Illi fil-fatt il-gurisprudenza nostrali tmur anke oltre minn hekk peress li huwa ormaj principju assodat tant li gie deciz li l-eccezzjoni ta' *res judicata* hija wkoll applikabbli meta parti tippretendi li tista' tinnewtralizza l-effikaccja ta' gudikat billi tippromuovi proceduri li huma dijametrikament opposti ghal dawk tal-gudikat, u *"Il-Qorti izzid dan 'multo magis' meta l-appellant kellu kull opportunita` li jikkontesta proprju l-premessi avanzati ghat-talbiet tieghu fil-kawza odjerna u dana permezz ta' eccezzjonijiet ghat-talba ta' l-appellat ghall-pagament ta' dak li kien allura diga jaf li kien ix-xoghol, skond hu difettuz u mhux skond is-sengha u l-arti"* **"Joseph Vella vs Emanuel Falzon" –** A.C. 25 ta' Frar 1997 – LXXXI.ii.307). u dan ghaliex *"l-gudikat jifforma ruhu mhux biss ghar-rigward ta' dak li gie diskuss espressament, imma anke` ta' dak li messu gie diskuss u ma giex diskuss mill-parti li kellha tiddiskutih biex isostni d-domanda jew l-eccezzjonijiet taghha u l-gudikat ma jigix nieqes minhabba id-diversita` ta' motivi tal-'causa petendi' (Vol.XXXIV.i.74).*

Illi hekk f'dan il-kaz id-domandi attrici fis-sentenza citata gew fil-fatt kontradetti mis-socjeta` konvenuta f'dik il-kawza permezz ta' eccezzjonijiet li in parti jifformaw il-mertu tac-citazzjoni odjerna, u wkoll permezz ta' domandi precizi fil-kontro-talba minnha mressqa kontra l-istess socjeta` medesima; pero` anke kieku dan ma sarx, il-fatt li dawn l-istess punti setghu tressqu mis-socjeta` attrici odjerna bhal difiza ghat-talbiet attrici fl-ewwel kawza, kienu xorta jimpedixxu lill-istess socjeta` attrici odjerna milli tressaq kawza ohra *ad hoc,* ghaliex *"hemm lok ta' eccezzjoni tal-gudikat anke` meta l-mertu tal-kawza ghalkemm distint minn dak ta' qabel jifforma parti mill-istess haga, jekk il-punt kontrovers jibqa' l-istess"* (Vol.XXXVI.i.75).

Illi hekk fis-sentenza **"Tarcisio Sultana vs Louis Micallef et"** (P.A. (A.D. 4 ta' Dicembru 1993) inghad:-

*"Illi hu pacifiku li l-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in meritu tal-azzjoni, kien imissha, jew setghet, giet sollevata in relazzjoni ghall-azzjoni stess"* ***("Antonio Magri vs Emanuel Dingli – XXXVII.i.469).***

Illi f'dan il-kaz odjerna, din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li hekk huwa l-kaz, anzi l-azzjoni llum imressqa mis-socjeta` attrici hija l-azzjoni medesima w identika li l-istess socjeta` resqet kontra s-socjeta` konvenuta odjerna fil-kontro-talba mertu tas-sentenza citata.

Illi jekk s-socjeta` attrici ma kienitx taqbel mad-*decide* tas-sentenza fuq citata kellha r-rimedju tal-appell, izda certament mhux li terga' tipproponi l-istess meritu permezz ta' citazzjoni gdida, stante li dan imur kontra l-kuncett ta' *res judicata,* u l-principju tal-finalita` tas-sentenzi li ghaddew in gudikat, li jorbtu lill-partijiet medesimi formanti parti mill-istess gudizzju, u din il-finalita` hija biss espressjoni tal-principju akbar tar-*Rule of Law* u ghalhekk li l-*exceptio rei judicatae* ghandha bhala fundament il-fatti ta' interess pubbliku, u wkoll ghax *interest republicae ut sit finis litium.*

Illi il-fatt li s-socjeta` attrici uzat forsi dicitura differenti minn dak minnha uzata fil-kontro-talba ma jbiddel xejn mill-fatt li l-mertu tac-citazzjoni attrici huwa identiku ghall-mertu tal-kontro-talba bejn l-istess partijiet odjerni u dawk involuti fis-sentenza citata, u li dan il-mertu gie definittivament deciz fis-sentenza ecceppita mis-socjeta` konvenuta odjerna.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta ghandha tigi milquha.

<u>**III. KONKLUZJONI.**</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' *res judicata* tas-socjeta` konvenuta, stante li l-mertu tal-kaz odjern gie trattat u deciz fis-sentenza **"Cutajar**

**Construction Co. Ltd. vs. Rabat Construction Ltd"** (Citaz.Numru 204/97/GV) deciza fid-29 ta' Jannar 1999, **tichad ghalhekk** it-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u mproponibbli kif fuq premess.

Bl-ispejjez kollha ghas-socjeta` attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**9 ta' Jannar 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**9 ta' Jannar 2002**